MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 750/2002

Fl-atti tar-Rikors ghall-Hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet Repro House Company Limited
Vs
Raymond Gera ID 813356M bin Alfred u Anne nee Axiaq imwieled Sliema u Thelma Maria Gera mart Raymond ID 702254M bint Anthony Saliba u Marion nee Stellini mwielda Sliema.

***Illum 11 ta' Dicembru, 2002.***

**Il-Qorti kameralment**

Rat ir-rikors in ezami.

Rat id-digriet preliminari moghti fis-6 ta' Dicembru, 2002 (fol 11 tal-atti).

Rat li avolja l-intimati gew notifikati fis-sitta (6) ta' Dicembru, 2002 ma ssottomettew l-ebda risposta.

Rat in-nota tal-partijiet li biha esebew skrittura tal-10 ta' Dicembru 2002, u li permezz taghha s-socjeta rikorrenti rrinunzjat ghat-talba taghha in rigward il-fond numru tlieta (3) Triq San Vincenz, Birkirkara filwaqt li l-istess partijiet qablu li l-mandat mitlub ghandu jigi akkolt in rigward il-fond 16/1 Clifton Court, Sir Luigi Camilleri Street, Sliema kif ukoll l-imsemmija lskrittura esebita in vera kopja .

Ghalhekk il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors in ezami in rigward il-fond tlieta (3) Triq San Vincenz Birkirkara, tilqa t-talba kif rizultanti mil-istess rikors kontestwalment ghal fond numru sittax (16) zbarra wiehed (1) ossija 16/1 Clifton Court, Triq Sir Luigi Camilleri Sliema u tordna il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati billi dawn jinzammu milli jbieghu, inehhu, jitrasferixxu jew jiddisponu 'inter vivos' sew b'titolu oneruz jew gratuwitu l-propjeta msemmija u sitwata f'sittax zbarra wiehed (16/1) Clifton Court Triq San Luigi Camilleri, Sliema, u dan in konnessjoni mal-kreditu pretiz fl-istess rikors.

Bl-ispejjes rizervati.

Magistrat

Alan Calleja
Deputat Registratur.